**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**

**DR ANTHONY J. VELLA BA.,LL.D.,MA**

**ILLUM 5 ta' Novembru 2015**

**SPETTUR**

**Mario Haber**

**VS**

**Aslan Imdat**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Aslan Imdat ta' 40 sena, bin Hamza Pakiza mwieled Turkija fid-29 ta' Awwissu 1973, residenti South Vale, Triq il-Mazen, Swieqi u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-numru 495395M;

Talli;

1) Fis-26 ta' Gunju 2014 u matul l-ahhar jiem f' dawn il-gzejjer impjega jew ta xoghol lill-persuni li ma kinux persuni ezenti u li ma kellhomx licenzja moghtija lilhom ghal dak l-impjieg jew xoghol skont id-disposizzjonijeit

tal-Att tal-Immigrazzjoni tal-Kap 217 tal-Ligijiet ta' Malta jew mod iehor ghen jew assista persuni ezenti fl-ghemil ta' reat mahsub;

2) Ukoll talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, bhala l-persuna responsabbli tax-xoghol li kien qieghed isir gewwa r-ristorant Sofra Kebab Msida impjega persuni li ma kinux cittadini ta' Malta meta dawn il-persuni ma kellhomx permess validu u ufficjali;
3) Aktar ukoll talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi bhala principal, jew il-persuna li impjegat persuni ohra, full-time, part-time jew xort' ohra b'kuntatt definit jew indefinite jew bi prova, naqas li jinnotifika lill-Korporazzjoni tax-Xoghol u Tahrig b'dan l-impjieg kif hemm fl-Avviz Legali 110 tas-sena 1993;
4) Kif ukoll talli rrenda ruhu recidiv billi ghamel delitt iehor fi zmien inqas minn hames snin minn sentenza tal-15 ta' Settembru 2011 Mgt. Dr Doreen Clarke LL.D li sare definittiva;

Rat id-dokumenti ezebiti;

Rat l-atti kollha tal- kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f'dawn il-proceduri, liema ammissjoni giet hekk ikkonfermata minnu stess wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi jikkonsidra sew l-ammissjoni tieghu, u wara li wissietu bl-aktar mod solenni dwar il-konsegwenzi li dik l-istess ammissjoni setghet iggib maghha;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l- Artikoli 32 tal-Kap 217, l-Avviz Legali 110 tas-sena 1993 u Art 49 u 50 tal- Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fuq ammissjoni din il-Qorti ssib lill-imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah multa ta' hames mitt ewro (€500).

Din il-Qorti spjegat il-portata tas-sentenza lill-imputat.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**MAGISTRAT**